# LINJA GWIDA (UE) 2021/834 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tas-26 ta' Marzu 2021**

**dwar tagħrif statistiku li għandu jiġi rrapportat dwar il-ħruġ ta' titoli (BĊE/2021/15)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikoli 5.1, 12.1 u 14.3 tiegħu,

Billi:

(1) L-istatistika tal-ħruġ ta' titoli tikkumplimenta l-istatistika monetarja, ittejjeb l-analiżi monetarja u finanzjarja ta' dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (minn hawn 'il quddiem "iż-żona tal-euro"), u tintuża biex jiġi vvalutat ir-rwol tal-euro fis-swieq finanzjarji internazzjonali. Għaldaqstant, l-istatistika dwar ħruġ ta' titoli ta' residenti taż-żona tal-euro miġbura mill-BĊNi għandha tiġi rrapportata lill-BĊE.

(2) L-istatistika dwar il-ħruġ ta' titoli tkopri l-ħruġ minn entitajiet, inklużi entitajiet b'sjieda barranija, residenti fiż-żona tal-euro. Ħruġ minn entitajiet li jinsabu barra ż-żona tal-euro iżda li huma proprjetà ta' residenti taż-żona tal-euro għandhom jiġu ttrattati bħala ħruġ minn residenti mhux fiż-żona tal-euro f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(3) Id-definizzjonijiet fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 ([2]) huma ukoll rilevanti għall-finijiet tar-rapportar skont din il-Linja Gwida u għandhom għalhekk japplikaw.

(4) Sabiex il-BĊE jwettaq il-kompiti tiegħu, huwa xieraq li jiġi pprovdut li l-BĊNi jirrapportaw l-informazzjoni meħtieġa sa data speċifikata.

(5) Sabiex jiġu żgurati l-preċiżjoni u l-kwalità tat-tagħrif statistiku miġbur mill-BĊE, huwa meħtieġ li jiġi previst il-monitoraġġ, il-verifika u, fejn xieraq, ir-reviżjoni tat-tagħrif statistiku rrapportat mill-BĊNi.

(6) L-Artikolu 5 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, flimkien mal-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jimplika li l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro li qegħdin jippjanaw li jadottaw l-euro għandhom ifasslu u jimplimentaw miżuri għall-ġbir tat-tagħrif statistiku meħtieġ biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' rapportar tal-istatistika tal-BĊE bi tħejjija għal tali adozzjoni tal-euro. Għaldaqstant, l-applikazzjoni ta' din il-Linja Gwida tista' tiġi estiża biex tapplika għall-BĊNi ta' Stati Membri mhux taż-żona tal-euro għal perjodu ta' referenza definit. Barra minn hekk, sabiex il-BĊE jkun jista' jikseb ħarsa ġenerali komprensiva tat-tagħrif statistiku miġbur u jwettaq analiżi rilevanti, il-BĊNi ta' Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro li jadottaw l-euro għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu lill-BĊE b'tagħrif statistiku li jkopri perjodu speċifikat qabel l-adozzjoni tal-euro minnhom.

(7) Għandhom jiġu stabbiliti regoli komuni għall-pubblikazzjoni mill-BĊNi ta' tagħrif statistiku dwar ħruġ ta' titoli sabiex jiġi żgurat rilaxx ordnat tal-aggregati ewlenin relatati.

(8) Huwa xieraq li jiġi pprovdut metodu komuni ta' trażmissjoni ta' tagħrif statistiku rrapportat lill-BĊE għall-BĊNi kollha. Għaldaqstant, għandu jiġi miftiehem u speċifikat format ta' trażmissjoni elettroniku armonizzat mis-SEBĊ.

([1]) Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 318, 27.11.1998, p.8).

(9) Huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura sabiex isiru emendi tekniċi lill-Anness ta' din il-Linja Gwida b'mod effettiv, kemm-il darba dawn l-emendi la jbiddlu l-qafas kunċettwali bażiku, u lanqas ma jaffettwaw il-piż tar-rapportar. Għaldaqstant, il-BĊNi għandhom ikunu jistgħu jipproponi tali emendi tekniċi permezz tal-Kumitat tal-Istatistika u għandu jittieħed kont tal-fehmiet tal-Kumitat tal-Istatistika tas-SEBĊ meta tiġi segwita din il-proċedura.

(10) Għal raġunijiet ta' ċertezza tad-dritt, il-BĊNi għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Linja Gwida mill-istess data kif imsemmija fl-Artikolu 2 tal-Linja Gwida (UE) 2021/835 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2021/16) ([3]),

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

Din il-Linja Gwida tistabbilixxi r-rekwiżiti ta' rapportar għal banek ċentrali nazzjonali ('BĊNi') relatati mal-ħruġ ta' titoli ta' residenti ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. B'mod partikolari, din il-Linja Gwida tispeċifika t-tagħrif statistiku li għandu jiġi rraportat lill-BĊE, il-frekwenza ta' dak ir-rapportar u l-istandards li għandhom japplikaw lil dak ir-rapportar.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din il-Linja Gwida, japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98.

*Artikolu 3*

**Tagħrif statistiku li għandu jiġi rrapportat dwar il-ħruġ ta' titoli**

1. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE tagħrif statistiku dwar il-ħruġ ta' titoli kollu, fi kwalunkwe munita, minn residenti ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, skont l-Anness.

2. Il-BĊNi għandhom jipprovdu spjegazzjonijiet meta jirrapportaw tagħrif statistiku lill-BĊE skont dan l-Artikolu, kif imsemmi fit-Taqsima 3 tal-Anness.

*Artikolu 4*

**Frekwenza ta' Rapportar**

1. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE t-tagħrif statistiku msemmi fl-Artikolu 3 fuq bażi ta' kull xahar u mhux aktar tard minn ħames ġimgħat wara t-tmiem tax-xahar li għalih jirreferi t-tagħrif statistiku.

2. Il-BĊE għandu jikkomunika d-dati eżatti tar-rapportar lill-BĊNi f'forma ta' kalendarju ta' rapportar.

*Artikolu 5*

**Rekwiżiti ta' rapportar tad-*data* b'lura f'każ ta' adozzjoni tal-euro**

Meta Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro jadotta l-euro wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Linja Gwida, il-BĊN ta' dak l-Istat Membru għandu jirrapporta lill-BĊE ħames snin ta' tagħrif statistiku msemmi fl-Anness, inkluża l-aħħar sena ta' referenza, fuq bażi tal-aħjar sforz.

([3]) Linja Gwida (UE) 2021/835 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Marzu 2021 li tħassar il-Linja Gwida BĊE/2014/5 dwar statistika monetarja u finanzjarja (ara paġna 335 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

*Artikolu 6*

**Verifika**

Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 2533/98, il-BĊNi għandhom jissorveljaw u jivverifikaw il-kwalità u l-affidabbiltà tat-tagħrif statistiku rrapportat lill-BĊE skont din il-Linja Gwida.

*Artikolu 7*

**Reviżjonijiet**

Il-BĊNi jistgħu jirrevedu t-tagħrif statistiku rapportat skont l-Artikolu 3 waqt ir-rapportar regolari msemmi fl-Artikolu 4(1) .

*Artikolu 8*

**Standards ta' trażmissjoni**

1. Il-BĊNi għandhom jittrażmettu t-tagħrif statistiku li għandu jiġi rrapportat skont din il-Linja Gwida b'mod elettroniku, bl-użu tal-mezzi speċifikati mill-BĊE. Il-format tal-messaġġ statistiku żviluppat għal dan l-iskambju elettroniku ta' tagħrif statistiku għandu jkun il-format miftiehem mis-SEBĊ.

2. Fejn ma japplikax il-paragrafu 1, il-BĊNi jistgħu jużaw mezzi oħra għat-trażmissjoni ta' tagħrif statistiku bil-kunsens minn qabel tal-BĊE.

*Artikolu 9*

**Pubblikazzjoni**

Meta l-BĊNi jippubblikaw kontribuzzjonijiet nazzjonali għall-aggregati taż-żona tal-euro ta' kull xahar, dawn għandhom ikunu l-istess bħal dawk irrapportati lill-BĊE skont din il-Linja Gwida. Meta l-BĊNi jirriproduċu aggregati taż-żona tal-euro ppubblikati mill-BĊE, għandhom jirriproduċuhom fedelment.

*Artikolu 10*

**Proċedura ta' emenda simplifikata**

Wara li jqis il-fehmiet tal-Kumitat tal-Istatistika, il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għandu jagħmel kwalunkwe emenda teknika meħtieġa lill-Anness ta' din il-Linja Gwida, sakemm dawk l-emendi la jibdlu l-qafas kunċettwali sottostanti, u lanqas ma jaffettwaw il-piż tar-rapportar tal-aġenti li jirrapportaw fl-Istati Membri. Il-Bord Eżekuttiv għandu jinforma lill-Kunsill Governattiv b' kull emenda bħal din mingħajr dewmien.

*Artikolu 11*

**Dħul fis-seħħ**

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-BĊNi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

2. Il-BĊNi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u l-BĊE għandhom jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida mill-1 ta' Frar 2022.

*Artikolu 12*

**Destinatarji**

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-26 ta’ Marzu 2021.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*
*Il-President tal-BĊE*
Christine LAGARDE

*ANNESS*

**SKEMA TA' RAPPORTAR**

## Taqsima 1: Introduzzjoni

Statistika tal-ħruġ ta' titoli għaż-żona tal-euro tipprovdi żewġ aggregati ewlenin:

— l-emissjonijiet kollha mir-residenti taż-żona tal-euro fi kwalunkwe valuta, u

— l-emissjonijiet kollha madwar id-dinja f'euro, kemm domestiċi kif ukoll internazzjonali.

Għandha ssir distinzjoni prinċipali fuq il-bażi tar-residenza tal-emittent li permezz tagħha l-BĊNi tal-Eurosistema jkopru b'mod kollettiv l-emissjonijiet kollha mir-residenti taż-żona tal-euro ([1]). Il-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (BIS) jirrapporta ħruġ mill-"bqija tad-dinja" (RoW), billi jirreferi għar-residenti kollha mhux fiż-żona tal-euro (inkluż organizzazzjonijiet internazzjonali li mhumiex residenti fiż-żona tal-euro).

It-tabella ta' hawn isfel tiġbor fil-qosor ir-rekwiżiti tar-rapportar.

| | **Ħruġ ta' titoli** | | |
|---|---|---|---|
| | **Minn residenti taż-żona tal-euro**<br>*(kull BĊN jirrapporta fuq ir-residenti domestiċi tiegħu)* | **Minn residenti ta' RoW**<br>*(BIS)* | |
| | | Stati Membri mhux taż-żona tal-euro | Pajjiżi oħra |
| **F'euro/ denominazzjonijiet nazzjonali** | **Blokk A** | **Blokk B** | |
| **F'muniti oħra** (*) | **Blokk C** | **Blokk D mhuwiex meħtieġ** | |

(*) "Muniti oħra" tirreferi għall-muniti l-oħra kollha, inklużi l-muniti nazzjonali ta' Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro.

## Taqsima 2: Rekwiżiti ta' rapportar

***Tabella 1. Formola tar-rapportar Blokk A għall-BĊNi***

| | **EMITTENTI RESIDENTI DOMESTIĊI//EURO/DENOMINAZZJONIJIET NAZZJONALI** | | | |
|---|---|---|---|---|
| | **Ammonti pendenti** | **Ħruġ gross** | **Fidi** | **Ħruġ nett** (**) |
| | **A1** | **A2** | **A3** | **A4** |
| 1. **TITOLI TA' DEJN B'TERMINU QASIR** (*) | | | | |
| Total | S1 | S68 | S135 | S202 |
| Bank ċentrali | S2 | S69 | S136 | S203 |
| MFIs li m'humiex banek ċentrali | S3 | S70 | S137 | S204 |

([1]) Jekk ir-rapportaturi jaffaċċjaw kwistjoni metodoliġika mhux koperta espressament f'din il-Linja Gwida, għandhom japplikaw is-sistema Ewropea riveduta tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali (l-"ESA 2010") stabbilita fl-Anness A tar-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p.1).

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| OFIs | S4 | S71 | S138 | S205 |
| Li minnhom FVC | S5 | S72 | S139 | S206 |
| Awżiljari finanzjarji | S6 | S73 | S140 | S207 |
| Istituzzjonijet finanzjarji kaptivi u dawk li jisilfu l-flus | S7 | S74 | S141 | S208 |
| Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S8 | S75 | S142 | S209 |
| Korporazzjonijet mhux finanzjarji | S9 | S76 | S143 | S210 |
| Gvern ċentrali | S10 | S77 | S144 | S211 |
| Stat u gvern lokali | S11 | S78 | S145 | S212 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S12 | S79 | S146 | S213 |
| | | | | |
| 2. **TITOLI TA' DEJN B'TERMINU TWIL** (*) | | | | |
| Total | S13 | S80 | S147 | S214 |
| Bank ċentrali | S14 | S81 | S148 | S215 |
| MFIs li m'humiex banek ċentrali | S15 | S82 | S149 | S216 |
| OFIs | S16 | S83 | S150 | S217 |
| Li minnhom FVC | S17 | S84 | S151 | S218 |
| Awżiljari finanzjarji | S18 | S85 | S152 | S219 |
| Istituzzjonijet finanzjarji kaptivi u dawk li jisilfu l-flus | S19 | S86 | S153 | S220 |
| Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S20 | S87 | S154 | S221 |
| Korporazzjonijet mhux finanzjarji | S21 | S88 | S155 | S222 |
| Gvern ċentrali | S22 | S89 | S156 | S223 |
| Stat u gvern lokali | S23 | S90 | S157 | S224 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S24 | S91 | S158 | S225 |
| | | | | |
| 2.1 **li minnhom ħruġ b'rata fissa:** | | | | |
| Total | S25 | S92 | S159 | S226 |
| Bank ċentrali | S26 | S93 | S160 | S227 |
| MFIs li m'humiex banek ċentrali | S27 | S94 | S161 | S228 |
| OFIs | S28 | S95 | S162 | S229 |
| Li minnhom FVC | S29 | S96 | S163 | S230 |
| Awżiljari finanzjarji | S30 | S97 | S164 | S231 |
| Istituzzjonijet finanzjarji kaptivi u dawk li jisilfu l-flus | S31 | S98 | S165 | S232 |
| Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S32 | S99 | S166 | S233 |
| Korporazzjonijet mhux finanzjarji | S33 | S100 | S167 | S234 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Gvern ċentrali | S34 | S101 | S168 | S235 |
| Stat u gvern lokali | S35 | S102 | S169 | S236 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S36 | S103 | S170 | S237 |
| | | | | |
| 2.2 **li minnhom ħruġ b'rata varjabbli:** | | | | |
| Total | S37 | S104 | S171 | S238 |
| Bank ċentrali | S38 | S105 | S172 | S239 |
| MFIs li m'humiex banek ċentrali | S39 | S106 | S173 | S240 |
| OFIs | S40 | S107 | S174 | S241 |
| Li minnhom FVC | S41 | S108 | S175 | S242 |
| Awżiljari finanzjarji | S42 | S109 | S176 | S243 |
| Istituzzjonijet finanzjarji kaptivi u dawk li jisilfu l-flus | S43 | S110 | S177 | S244 |
| Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S44 | S111 | S178 | S245 |
| Korporazzjonijet mhux finanzjarji | S45 | S112 | S179 | S246 |
| Gvern ċentrali | S46 | S113 | S180 | S247 |
| Stat u gvern lokali | S47 | S114 | S181 | S248 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S48 | S115 | S182 | S249 |
| | | | | |
| 2.3 **li minnhom bonds mingħajr kupun:** | | | | |
| Total | S49 | S116 | S183 | S250 |
| Bank ċentrali | S50 | S117 | S184 | S251 |
| MFIs li m'humiex banek ċentrali | S51 | S118 | S185 | S252 |
| OFIs | S52 | S119 | S186 | S253 |
| Li minnhom FVC | S53 | S120 | S187 | S254 |
| Awżiljari finanzjarji | S54 | S121 | S188 | S255 |
| Istituzzjonijet finanzjarji kaptivi u dawk li jisilfu l-flus | S55 | S122 | S189 | S256 |
| Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S56 | S123 | S190 | S257 |
| Korporazzjonijet mhux finanzjarji | S57 | S124 | S191 | S258 |
| Gvern ċentrali | S58 | S125 | S192 | S259 |
| Stat u gvern lokali | S59 | S126 | S193 | S260 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S60 | S127 | S194 | S261 |
| | | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 3. **ISHMA KKWOTATI** (†) | | | | |
| Total | S61 | S128 | S195 | S262 |
| Bank ċentrali | S62 | S129 | S196 | S263 |
| MFIs li m'humiex banek ċentrali | S63 | S130 | S197 | S264 |
| OFIs | S64 | S131 | S198 | S265 |
| Awżiljari finanzjarji | S65 | S132 | S199 | S266 |
| Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S66 | S133 | S200 | S267 |
| Korporazzjonijet mhux finanzjarji | S67 | S134 | S201 | S268 |
| | | | | |

(*) Titoli ta' dejn li m'humiex ishma jirriferu għal "titoli li m'humiex ishma, esklużi derivattivi finanzjarji".
(**) Il-ħruġ nett huwa meħtieġ biss jekk il-BĊNi ma jkunux jistgħu jittrażmettu jew il-ħruġ gross jew il-fidi.
(†) L-ishma kkwotati jirriferu għal "ishma kkwotati bl-esklużjoni ta' fondi ta' investiment u ishma/unitajiet tal-fondi tas-suq monetarju".

***Tabella 2. Blokk C formola tar-rapportar għall-BĊNi***

| | **EMITTENTI RESIDENTI DOMESTIĊI//MUNITI OĦRAJN** | | | |
|---|---|---|---|---|
| | **Ammonti pendenti** | **Ħruġ gross** | **Fidi** | **Ħruġ nett** |
| | **C1** | **C2** | **C3** | **C4** |
| 4. **TITOLI TA' DEJN GĦAL PERJODU QASIR** | | | | |
| Total | S269 | S335 | S401 | S467 |
| Bank ċentrali | S270 | S336 | S402 | S468 |
| MFIs li m'humiex banek ċentrali | S271 | S337 | S403 | S469 |
| OFIs | S272 | S338 | S404 | S470 |
| Li minnhom FVC | S273 | S339 | S405 | S471 |
| Awżiljari finanzjarji | S274 | S340 | S406 | S472 |
| Istituzzjonijet finanzjarji kaptivi u li jisilfu l-flus | S275 | S341 | S407 | S473 |
| Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S276 | S342 | S408 | S474 |
| Korporazzjonijet mhux finanzjarji | S277 | S343 | S409 | S475 |
| Gvern ċentrali | S278 | S344 | S410 | S476 |
| Stat u gvern lokali | S279 | S345 | S411 | S477 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S280 | S346 | S412 | S478 |
| | | | | |
| 5. **TITOLI TA' DEJN GĦAL PERJODU TWIL** | | | | |
| Total | S281 | S347 | S413 | S479 |
| Bank ċentrali | S282 | S348 | S414 | S480 |
| MFIs li mhumiex banek ċentrali | S283 | S349 | S415 | S481 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| OFIs | S284 | S350 | S416 | S482 |
| Li minnhom FVC | S285 | S351 | S417 | S483 |
| Awżiljari finanzjarji | S286 | S352 | S418 | S484 |
| Istituzzjonijet finanzjarji kaptivi u li jisilfu l-flus | S287 | S353 | S419 | S485 |
| Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S288 | S354 | S420 | S486 |
| Korporazzjonijet mhux finanzjarji | S289 | S355 | S421 | S487 |
| Gvern ċentrali | S290 | S356 | S422 | S488 |
| Stat u gvern lokali | S291 | S357 | S423 | S489 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S292 | S358 | S424 | S490 |
| | | | | |
| 5.1 **li minnhom ħruġ b'rata fissa:** | | | | |
| Total | S293 | S359 | S425 | S491 |
| Bank ċentrali | S294 | S360 | S426 | S492 |
| MFIs li mhumiex banek ċentrali | S295 | S361 | S427 | S493 |
| OFIs | S296 | S362 | S428 | S494 |
| Li minnhom FVC | S297 | S363 | S429 | S495 |
| Awżiljari finanzjarji | S298 | S364 | S430 | S496 |
| Istituzzjonijet finanzjarji kaptivi u li jisilfu l-flus | S299 | S365 | S431 | S497 |
| Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S300 | S366 | S432 | S498 |
| Korporazzjonijet mhux finanzjarji | S301 | S367 | S433 | S499 |
| Gvern ċentrali | S302 | S368 | S434 | S500 |
| Stat u gvern lokali | S303 | S369 | S435 | S501 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S304 | S370 | S436 | S502 |
| | | | | |
| 5.2 **li minnhom ħruġ b'rata varjabbli:** | | | | |
| Total | S305 | S371 | S437 | S503 |
| Bank ċentrali | S306 | S372 | S438 | S504 |
| MFIs li mhumiex banek ċentrali | S307 | S373 | S439 | S505 |
| OFIs | S308 | S374 | S440 | S506 |
| Li minnhom FVC | S309 | S375 | S441 | S507 |
| Awżiljari finanzjarji | S310 | S376 | S442 | S508 |
| Istituzzjonijet finanzjarji kaptivi u li jisilfu l-flus | S311 | S377 | S443 | S509 |
| Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S312 | S378 | S444 | S510 |
| Korporazzjonijet mhux finanzjarji | S313 | S379 | S445 | S511 |
| Gvern ċentrali | S314 | S380 | S446 | S512 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Stat u gvern lokali | S315 | S381 | S447 | S513 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S316 | S382 | S448 | S514 |
| | | | | |
| 5.3 **li minnhom bonds mingħajr kupun:** | | | | |
| Total | S317 | S383 | S449 | S515 |
| Bank ċentrali | S318 | S384 | S450 | S516 |
| MFIs li mhumiex banek ċentrali | S319 | S385 | S451 | S517 |
| OFIs | S320 | S386 | S452 | S518 |
| Li minnhom FVC | S321 | S387 | S453 | S519 |
| Awżiljari finanzjarji | S322 | S388 | S454 | S520 |
| Istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u li jisilfu l-flus | S323 | S389 | S455 | S521 |
| Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S324 | S390 | S456 | S522 |
| Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | S325 | S391 | S457 | S523 |
| Gvern ċentrali | S326 | S392 | S458 | S524 |
| Stat u gvern lokali | S327 | S393 | S459 | S525 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S328 | S394 | S460 | S526 |
| | | | | |
| 6. **ISHMA KKWOTATI** | | | | |
| Total | S329 | S395 | S461 | S527 |
| MFIs li mhumiex banek ċentrali | S330 | S396 | S462 | S528 |
| OFIs | S331 | S397 | S463 | S529 |
| Awżiljari finanzjarji | S332 | S398 | S464 | S530 |
| Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S333 | S399 | S465 | S531 |
| Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | S334 | S400 | S466 | S532 |

***Tabella 3. Formola ta' rapportar Blokk A għall-partiti tal-memorandum għall-BĊNi***

| | **EMITTENTI RESIDENTI DOMESTIĊI/EURO/DENOMINAZZJONIJIET NAZZJONALI** | | | |
|---|---|---|---|---|
| | **Ammonti pendenti** | **Ħruġ gross** | **Fidi** | **Ħruġ nett** |
| | **A1** | **A2** | **A3** | **A4** |
| 6. **ISHMA KKWOTATI** | | | | |
| Istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u li jisilfu l-flus | S533 | S544 | S555 | S566 |
| | | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 7. **ISHMA MHUX IKKWOTATI** | | | | |
| Total | S534 | S545 | S556 | S567 |
| MFIs li mhumiex banek ċentrali | S535 | S546 | S557 | S568 |
| OFIs | S536 | S547 | S558 | S569 |
| Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S537 | S548 | S559 | S570 |
| Korporazzjonijet mhux finanzjarji | S538 | S549 | S560 | S571 |
| | | | | |
| 8. **EKWITÀ OĦRA** | | | | |
| Total | S539 | S550 | S561 | S572 |
| MFIs li mhumiex banek ċentrali | S540 | S551 | S562 | S573 |
| OFIs | S541 | S552 | S563 | S574 |
| Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S542 | S553 | S564 | S575 |
| Korporazzjonijet mhux finanzjarji | S543 | S554 | S565 | S576 |
| | | | | |
| | | | | |

## 1. Residenza tal-emittent

Ħruġ minn sussidjarji, li huma proprjetà ta' non-residenti fil-pajjiż li jirrapporta, li joperaw fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż li jirrapporta, għandu jiġi kklassifikat bħala ħruġ minn unitajiet residenti tal-pajjiż li jirrapporta.

Ħruġ minn uffiċċji prinċipali, li jinsabu fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż li jirrapporta, li joperaw fuq livell internazzjonali għandu jiġi kkunsidrat bħala ħruġ minn unitajiet residenti wkoll. Ħruġ minn uffiċċji prinċipali jew sussidjarji li jinsabu barra t-territorju ekonomiku tal-pajjiż li jirrapporta li iżda huma proprjetà tar-residenti tal-pajjiż li jirrapporta għandu jiġi kkunsidrat bħala ħruġ minn non-residenti. Pereżempju, il-ħruġ minn Volkswagen Brażil huwa kkunsidrat bħala mwettaq mill-unitajiet residenti fil-Brażil u mhux fit-territorju tal-pajjiż li jirrapporta. Fin-nuqqas ta' kull dimensjoni fiżika ta' intrapriża, ir-residenza tagħha tiġi ddeterminata skont it-territorju ekonomiku li skont il-liġijiet tiegħu l-intrapriża tkun inkorporata jew reġistrata ([2]).

Biex jiġi evitat li jingħadd darbtejn jew ikun hemm il-vojt, ir-rapportar tal-ħruġ minn entitajiet bi skop speċjali (SPEs) għandu jiġi indirizzat bilateralment, li jinvolvi r-rapportaturi kkonċernati. Il-BĊNi, u mhux il-BIS, għandhom jirrapportaw ħruġ minn SPEs li jissodisfaw il-kriterji ta' residenza tas-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali riveduta ("ESA 2010") stabbilita fl-Anness A tar-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u huma kklassifikati bħala residenti taż-żona tal-euro.

## 2. Taqsim settorjali ta' emittenti

Il-ħruġ għandu jiġi kklassifikat skont is-settur li jġarrab l-obbligazzjoni għat-titoli maħruġa. Il-klassifikazzjoni settorjali tinkludi t-tnax-il tip ta' emittenti li ġejjin:

— Bank ċentrali

— MFIs oħrajn ([4]),

— OFIs ([5]),

— li minnhom korporazzjonijiet finanzjarji vettura involuti fit-titolizzazzjoni,

— awżiljarji finanzjarji,

([2]) Ara l-paragrafu 2.07 tal-ESA 2010.

([3]) Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

([4]) M'hemmx *data* miġbura għas-settur tal-fondi tas-suq monetarju.

([5]) M'hemmx *data* miġbura għas-settur tal-fondi ta' investiment.

— istituzzjonijet finanzjarji kaptivi u li jisilfu l-flus

— korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni ([6]),

— korporazzjonijiet mhux finanzjarji.

— gvern ċentrali,

— Stat u gvern lokali

— fondi tas-sigurta` soċjali,

— istituzzjonijiet internazzjonali.

It-titoli maħruġin permezz ta' SPEs fejn l-obbligazzjoni aħħarija għall-ħruġ tiġġarrab mill-organizzazzjoni omm u mhux mill-SPE, għandhom jiġu attribwiti lill-organizzazzjoni omm u mhux lill-SPE. Pereżempju, il-ħruġ minn SPE ta' "AJAX Electronics", korporazzjoni mhux finanzjarja li tinsab fil-pajjiż fiż-żona tal-euro "Pajjiż A", irid jiġi allokat lis-settur tal-korporazzjoni mhux finanzjarja u rrapportat lill-Pajjiż A. Madankollu, l-SPE u l-omm tagħha jridu jkunu residenti fl-istess pajjiż. Għaldaqstant, fejn il-kumpanija omm mhijiex residenti tal-pajjiż li jirrapporta, l-SPE għandha tiġi ttrattata bħala residenti nozzjonali tal-pajjiż li jirrapporta, u s-settur tal-ħruġ għandu jkun allinjat mal-funzjoni ekonomika tal-SPE. Pereżempju, jekk "ACME Motors" kienet korporazzjoni mhux finanzjarja residenti fil-Ġappun li tipproduċi l-karozzi u "ACME Motor Finance" kienet sussidjarja residenti fil-pajjiż fiż-żona tal-euro "Pajjiż B", il-ħruġ minn ACME Motor Finance irid jiġi attribwit lill-istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u s-settur ta'dawk li jisilfu l-flus tal-Pajjiż B, billi l-kumpanija omm ACME Motors mhijiex residenti fl-istess pajjiż. L-unika eċċezzjoni għal dan huwa fil-każ ta' SPEs li l-proprjetarju tagħhom huwa l-gvern, li f'dan il-każ it-titolu huwa rreġistrat li qiegħed jinħareġ mill-gvern fil-pajjiż tal-organizzazzjoni omm. ([7])

Korporazzjoni pubblika li tiġi privatizzata billi toħroġ ishma kkwotati għandha tiġi allokata lis-settur ta' korporazzjoni mhux finanzjarja. B'mod simili, istituzzjoni ta' kreditu pubblika (CI) li hija privatizzata għandha tiġi allokata lill-MFIs li mhumiex fis-settur tal-bank ċentrali. Il-ħruġ minn unitajiet domestiċi jew istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu lill-unitajiet domestiċi għandu jiġi kklassifikat bħala ħruġ minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji.

## 3. **Maturità tal-ħruġ**

*Titoli ta' dejn b'terminu qasir* jikkomprendu titoli li għandhom maturità oriġinali ta' sena jew anqas, anki jekk jinħarġu skont faċilitajiet fuq terminu itwal.

*Titoli ta' dejn b'terminu twil* jikkomprendu titoli li għandhom maturità oriġinali ta' aktar minn sena. Ħruġ b'dati ta' maturità opzjonali, li l-aħħar waħda minnhom hija aktar minn sena 'l bogħod, u ħruġ b'dati ta' maturità indefiniti, huma kklassifikati bħala b'terminu twil.

It-tqassim ta' maturità ta' sentejn, kif hemm fl-istatistika tal-karta tal-bilanċ MFI, mhuwiex meħtieġ.

## 4. **Klassifikazzjoni skont ir-rata tal-imgħax tat-titoli tad-dejn b'terminu twil**

Titoli ta' dejn b'terminu twil huma maqsuma fi:

*Titoli ta' dejn b'rata tal-imgħax fissa,* jiġifieri titoli tad-dejn li jinħarġu u jinfdew vis-à-vis l-valur attwali tagħhom u titoli tad-dejn li jinħarġu bi skont jew bi primjum vis-à-vis l-valur attwali tagħhom.

*Titoli ta' dejn bir-rata tal-imgħax varjabbli,* jiġifieri titoli tad-dejn fejn ir-rata tal-kupun u/jew tal-kapital sottostanti huwa marbut mal-indiċi tal-prezz ġenerali għal oġġetti u s-servizzi (bħall-indiċi tal-prezzijiet għall-konsumatur), rata tal-imgħax, jew prezz tal-assi li jirriżulta f'pagament ta' kupun nominali varjabbli matul il-ħajja tal-ħruġ. Għall-finijiet tal-istatistika tal-ħruġ tat-titoli, titoli tad-dejn b'rata tal-imgħax imħallta hija kklassifikata bħala rata tal-imgħax varjabbli ([8]).

*Bonds bla kupun maħruġa bi skont,* jiġifieri strumenti li m'għandhom l-ebda pagamenti tal-imgħax u huma maħruġa bi skont konsiderevoli vis-à-vis l-valur attwali tagħhom. Il-biċċa l-kbira tal-iskont jirrappreżenta l-ekwivalenti tal-imgħax akkumulat matul ħajjet il-bond.

([6]) Fil-prattika, titoli ta' dejn ma jinħarġux minn fondi tal-pensjoni.
([7]) Ara l-paragrafi 2.17 sa 2.20 tal-ESA 2010.
([8]) Ara l-paragrafu 5.102 tal-ESA 2010.

5. **Klassifikazzjoni tal-ħruġ**

Il-ħruġ huwa analizzat taħt żewġ gruppi wesgħin: (a) titoli tad-dejn ([9]), u (b) ishma kkwotati ([10]). Titoli maħruġa permezz ta' tqegħid privat huma koperti sa fejn hu possibbli. Karta tas-suq monetarju huwa inkluż mingħajr distinzjoni bħala parti mit-titoli tad-dejn. Ishma mhux ikkwotati ([11]) u ekwità oħra ([12]) jistgħu jiġu rrapportati fuq bażi volontarja bħala żewġ partiti separati tal-memorandum. Ishma/unitajiet maħruġa mill-fondi tas-swieq tal-flus u fondi oħra ta' investiment huma esklużi.

Din li ġejja hija lista mhux eżawrjenti ta' strumenti li jaqgħu taħt l-istatistika dwar il-ħruġ ta' titoli:

(a) Titoli ta' dejn

(i) Titoli tad-dejn b'terminu qasir

L-istrumenti li ġejjin huma inklużi bħala minimu.

— Kambjali tat-Teżor u karti oħra b' terminu qasir maħruġa mill-gvern ġenerali.

— Karta negozjabbli b'terminu qasir maħruga minn korporazzjonijiet finanzjarji u mhux finanzjarji. Jintużaw varjetà ta' termini għal karta bħal din inkluż karta kummerċjali, kambjali kummerċjali, ċedoli, kambjali ta' negozju, kambjali u ċertifikati ta' depożitu.

— Titoli b'terminu qasir maħruġin skont faċilitajiet ta' ħrug ta' noti sottoskritti b'terminu twil.

— Aċċettazzjonijiet tal-bankiera.

(ii) Titoli tad-dejn b'terminu twil

L-istrumenti li ġejjin iservu bħala eżempju u jinkludu bħala minimu.

— Bonds anonimi.

— Bonds subordinati.

— Bonds b'għażla ta' dati ta' maturità, bl-aħħar waħda tkun aktar minn sena 'l bogħod.

— Bonds perpetwi jew mingħajr data.

— Noti b'rata varjabbli.

— Bonds konvertibbli.

— Bonds koperti.

— Titoli marbutin ma' indiċi fejn il-valur tal-kapital huwa marbut ma' indiċi tal-prezz, mal-prezz ta' komodità jew ma' indiċi tar-rata tal-kambju.

— Bonds skontati hafna, li għandhom pagamenti żgħar tal-kupun u huma maħruġa bi skont għall-valur hekk kif jidher.

— Bonds mingħajr kupun.

— Euro bonds.

— Bonds globali.

— Bonds maħruġin privatament.

— Titoli li jirriżultaw minn konverżjoni ta' self.

— Self li sar negozjabbli de facto.

— Obbligazzjonijiet (debentures) u ishma ta' self konvertibbli f'ishma, kemm jekk ishma tal-korporazzjoni tal-ħruġ jew ishma ta' kumpanija oħra, sakemm ma jkunux ġew ikkonvertiti. Meta tkun separabbli mill-bond sottostanti, l-għażla tal-konverżjoni, li hija kkunsidrata bħala derivattiv finanzjarju, hija eskluża.

— Ishma jew stokks li jħallsu dħul fiss imma ma jipprovdux għall-parteċipazzjoni fid-distribuzzjoni tal-valur residwu tal-korporazzjoni max-xoljiment, inklużi ishma ta' preferenza mhux parteċipanti.

— Assi finanzjarji maħruġa bhala parti mit-titolizzazzjoni tas-self, ipoteki, debitu tal-karti ta' kreditu, il-kontijiet riċevibbli u assi oħra.

---

([9]) Kategorija F.3 tal-ESA 2010.
([10]) Kategorija F.511 tal-ESA 2010.
([11]) Kategorija F.512 tal-ESA 2010.
([12]) Kategorija F.519 tal-ESA 2010.

L-istrumenti li ġejjin huma esklużi:

— tranżazzjonijiet f'titoli bħala parti minn ftehim ta' xiri mill-ġdid;

— ħruġ ta' titoli mhux negozjabbli;

— self mhux negozjabbli.

(b) Ishma kkwotati

Ishma kkwotati jinkludu dawn li ġejjin.

— Ishma tal-kapital maħruġa minn kumpaniji b'responsabbiltà limitata.

— Ishma mifdija f'kumpaniji b'responsabbiltà limitata.

— Ishma tad-dividendi maħruġa minn kumpaniji b'responsabbiltà limitata.

— Titoli preferuti jew ta' preferenza jew ishma li jipprovdu għall-parteċipazzjoni fid-distribuzzjoni tal-valur residwu max-xoljiment ta' korporazzjoni. Dawn jistgħu jkunu kkwotati jew mhux ikkwotati f'borża rikonoxxuta.

— Tqegħid privat meta jkun possibbli.

Jekk kumpanija tiġi privatizzata u l-gvern iżomm parti mill-ishma iżda l-parti l-oħra tiġi kkwotata fuq suq regolat, il-valur sħiħ tal-kapital tal-kumpanija jiġi rreġistrat fl-ammonti pendenti tal-ishma kkwotati, peress li l-ishma kollha jistgħu potenzjalment jiġu nnegozjati fi kwalukwe ħin bil-valur tas-suq. L-istess japplika jekk parti mill-ishma tinbiegħ lill-investituri kbar u l-parti li jifdal biss, jiġifieri dik "free float", tkun innegozjata fil-borża.

Ishma kkwotati jeskludu:

— ishma offruti għall-bejgħ iżda li ma jittieħdux mal-ħruġ;

— obbligazzjonijiet u stokk ta' self konvertibbli f'ishma, li huma inklużi ladarba jiġu kkonvertiti f'ishma;

— l-ekwità ta' msieħba b'responsabbilità illimitata f'soċjetajiet inkorporati;

— investimenti tal-gvern fil-kapital ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li huma legalment ikkostitwiti bħala korporazzjonijiet b'kapital ta' ishma;

— ħruġ ta' ishma bonus fil-ħin tal-ħruġ biss u ħruġ ta' ishma maqsuma; madankollu l-ishma bonus u l-ishma maqsuma huma inklużi mingħajr distinzjoni fl-istokk totali ta' ishma kkwotati.

## 6. **Munita tal-ħruġ**

Bonds b'muniti doppji għandhom jiġu kklassifikati skont id-denominazzjoni tal-bond. Bonds b'muniti doppji huma ddefiniti bħala bonds li huma skedati li jiġu mifdija jew il-kupun imħallas f'munita differenti mid-denominazzjoni tal-bond. Jekk jinħareġ bond globali f'aktar minn munita waħda, kull porzjon għandu jiġi rrapportat bħala ħruġ separat, skont il-munita tal-ħruġ tiegħu. Fejn il-ħruġ huwa ddenominati f'żewġ muniti, eż. 70 % f'euro u 30 % f'dollari Amerikani, il-komponenti rilevanti tal-ħruġ għandhom jiġu rrapportati separatament fejn possibbli skont id-denominazzjoni tal-munita. Għalhekk, fl-eżempju mogħti 70 % tal-ħrug għandu jkun irrapportat bħala ħruġ f'euro/denominazzjonijiet nazzjonali ([13]) u 30 % bħala ħruġ f'muniti oħra. Fejn ma jkunx possibbli li jkunu identifikati separatament l-komponenti tal-munita ta' ħruġ, it-taqsim attwali li jsir mill-pajjiż li jkun qiegħed jirrapporta għandha tkun indikata fin-noti nazzjonali ta' spjegazzjoni.

## 7. **Ħin tar-reġistrazzjoni tal-ħruġ**

Ħruġ jitqies li seħħ meta l-emittent jirċievi l-pagament, u mhux meta is-sindakat jassumi l-impenn.

## 8. **Rikonċiljazzjoni tal-ishma u l-flussi**

Il-BĊNi għandhom jissottomettu informazzjoni dwar ammonti pendenti, ħruġ gross, fidi u ħruġ nett ta' titoli ta' dejn b'terminu qasir u b'terminu twil u dwar ishma kkwotati.

([13]) Blokk A għall-BĊNi u Blokk B għall-BIS.

It-tabella aktar 'l isfel tindika r-rabta bejn l-istokks (jiġifieri ammonti pendenti) u l-flussi (jiġifieri ħruġ gross, fidi u ħruġ nett). Fil-prattika, ir-rabta hija aktar kumplessa minħabba l-bidliet fil-prezz u fil-valutazzjoni tar-rata tal-kambju, l-imgħax investit mill-ġdid (jiġifieri akkumulat), il-klassifikazzjonijiet mill-ġdid, ir-reviżjonijiet u aġġustamenti oħra.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| (i) | Ħruġ pendenti fl-aħħar tal-perjodu ta' rapportar | ≈ | Ħruġ pendenti fl-aħħar tal-perjodu ta' rapportar ta' qabel | + | Ħruġ gross matul il-perjodu ta' rapportar | - | Fidi matul il-perjodu ta' rapportar | + | Klassifikazz-jonijiet mill-ġdid u bidliet oħrajn |
| (ii) | Ħruġ pendenti fl-aħħar tal-perjodu ta' rapportar | ≈ | Ħruġ pendenti fl-aħħar tal-perjodu ta' rapportar ta' qabel | + | Ħruġ nett matul il-perjodu ta' rapportar | | | + | Klassifikazz-jonijiet mill-ġdid u bidliet oħrajn |

(a) Ħruġ gross

Ħruġ gross matul il-perjodu ta' rapportar għandu jinkludi l-ħruġ kollu ta' titoli ta' dejn u ishma kkwotati fejn l-emittent ibiegħ titoli li jkunu għadhom kemm inħolqu għal flus kontanti. Dan jikkonċerna l-ħolqien regolari ta' strumenti ġodda. Il-punt ta' żmien fejn intemm l-ħruġ huwa ddefinit bħala ż-żmien meta jsir il-pagament; ir-reġistrazzjoni tal-ħruġ għandha għalhekk tirrifletti kemm jista' jkun mill-qrib it-tempestività tal-pagament għall-ħruġ sottostanti.

Għall-ishma kkwotati, il-ħruġ gross ikopri l-ishma li jkunu għadhom kemm inħolqu li jinħarġu għall-flus kontanti minn korporazzjonijiet ikkwotati fuq borża għall-ewwel darba, inklużi kumpaniji li għadhom kif inħolqu jew kumpaniji privati li jsiru kumpaniji pubbliċi. Il-ħruġ gross ikopri wkoll l-ishma li jkunu għadhom kemm inħolqu li jinħarġu għall-flus kontanti matul il-privatizzazzjoni ta' korporazzjonijiet pubbliċi meta l-ishma tal-korporazzjoni jiġu kkwotati fuq borża. Il-ħruġ ta' ishma bonus għandu jiġi eskluż ([14]). Il-ħruġ gross għandu jiġi rrapportat f'każ ta' kkwotar uniku ta' korporazzjoni fuq borża fejn ma jiġi ġġenerat ebda kapital ġdid.

L-iskambju jew it-trasferiment ta' titoli eżistenti matul akkwiżizzjoni jew fużjoni ma humiex koperti ([15])fil-ħruġ gross irrapportat jew il-fidi, ħlief għal strumenti ġodda li jinħolqu u jinħarġu għall-flus kontanti minn entità residenti taż-żona tal-euro.

Il-ħruġ ta' titoli li aktar tard jistgħu jiġu kkonvertiti fi strumenti oħra għandu jiġi rreġistrat bħala ħruġ fil-kategorija oriġinali tagħhom tal-istrument; mal-konverżjoni tagħhom huma għandhom jiġu rreġistrati bħala li ġew mifdija minn din il-kategorija ta' strument, b'ammont identiku mbagħad jiġu trattati bħala ħruġ gross f'kategorija ġdida ([16]).

(b) Fidi

Il-fidi matul il-perjodu ta' rapportar ikopri x-xiri kollu mill-ġdid ta' titoli ta' dejn u ishma kkwotati mill-emittent, fejn l-investitur jirċievi flus kontanti għat-titoli. Il-fidi jikkonċerna t-tħassir regolari tal-istrumenti. Dawn ikopru t-titoli ta' dejn kollha li jilħqu d-data ta' maturità tagħhom, kif ukoll il-fidi bikri. Xiri lura ta' ishma minn kumpaniji huwa kopert jekk il-kumpanija jew terġa' tixtri lura l-ishma kollha għall-flus qabel ma tinbidel il-forma legali tagħha, jew tixtri mill-ġdid parti mill-ishma tagħha għall-flus kontanti u sussegwentament tikkanċellahom, li jwassal għal tnaqqis fil-kapital. Xiri lura ta' ishma minn kumpaniji mhuwiex kopert jekk jirrappreżentaw investimenti fl-ishma tagħhom stess ([17]).

Il-fidi ma għandux jiġi rrapportat fil-każ ta' tneħħija unika minn borża.

(c) Ħruġ nett

Il-ħruġ nett huwa l-bilanċ tal-ħruġ gross kollu li minnu jitnaqqas il-fidi kollu li seħħ matul il-perjodu ta' rapportar.

([14]) Mhux ddefinit bħala tranżazzjoni finanzjarja; ara l-paragrafi 5.158 and 6.59 ta' l-ESA 2010, u l-punt 5(b) tat-Taqsima 2 ta' dan l-Anness.

([15]) Tranżazzjoni f'suq sekondarju li tinvolvi bidla fid-detentur; ma hijiex koperta b'din l-istatistika.

([16]) Ikkonsidrata bħala żewġ tranżazzjoni finanzjarja; ara l-paragrafi 5.96 u 6.25 ta' l-ESA 2010, u l-punt 5 (a)(ii) tat-Taqsima 2 ta' dan l-Anness.

([17]) Tranżazzjoni f'suq sekondarju li tinvolvi bidla fid-detentur mhijiex koperta minn din l-istatistika.

L-ammonti pendenti ta' ishma kkwotati għandhom ikopru l-valur tas-suq tal-ishma kkwotati kollha tal-entitajiet residenti. L-ammonti pendenti ta' ishma kkwotati rrapportati minn pajjiż taż-żona tal-euro jistgħu b'hekk jiżdiedu jew jonqsu wara riallokazzjoni ta' entità kkwotata. Dan japplika wkoll fil-każ ta' akkwiżizzjoni jew fużjoni meta l-ebda strument ma jinħoloq u jinħareġ għall-flus kontanti u/jew jinfeda għall-flus kontanti u jitħassar. Biex jiġi evitat li t-titoli ta' dejn u ishma kkwotati jingħaddu darbtejn jew ikun hemm lakuni bejniethom f'każ ta' riallokazzjoni tal-emittent għal pajjiż residenti ieħor, il-BĊNi rilevanti għandhom jikkoordinaw l-għażla taż-żmien ta' rapportar ta' tali avveniment bilateralment.

## 9. **Valutazzjoni**

Il-valur ta' ħruġ tat-titoli jinkludi komponent tal-prezz u, fejn il-ħruġ huwa ddenominat f'munita li mhijiex il-munita tar-rapportar, komponent tar-rata tal-kambju.

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw it-titoli ta' dejn tagħhom bil-valur hekk kif jidher ([18]) u l-ishma kkwotati bil-valur tas-suq. Għal titoli ta' dejn b'terminu twil jistgħu jintużaw metodi differenti għall-valutazzjoni li jiddependu fuq it-tip ta' rata tal-imgħax, li jirriżultaw f'valutazzjoni mħallta għat-total. Pereżempju, il-ħruġ b'rata tal-imgħax fissa u rata tal-imgħax varjabbli huma ġeneralment ivvalutati bil-valur hekk kif jidher, u l-bonds mingħajr kupun bil-valur nominali. Ġeneralment, l-ammont relattiv ta' bonds bla kupun huwa żgħir, biex b'hekk ma jsir ebda provvediment għal valur ta' valutazzjoni mħallat fil-lista tal-kodiċijiet; l-ammont totali ta' titoli ta' dejn b'terminu twil huwa rrapportat bil-valur hekk kif jidher. Fejn il-kobor tal-fenomenu huwa sinifikanti, jintuża l-valur "Z" għal "mhux speċifikat". B'mod ġenerali, kull meta hemm sitwazzjoni ta' valutazzjoni mħallta, il-BĊN jagħti d-dettalji fil-livell ta' attribut.

(a) Valutazzjoni tal-prezz

L-istokks u l-flussi ta' ishma kkwotati għandhom jiġu rrapportati bil-valur tas-suq.

Issir eċċezzjoni għar-reġistrazzjoni tal-istokks u l-flussi ta' titoli ta' dejn bil-valur hekk kif jidher fir-rigward ta' bonds bi skont qawwi u bonds bla kupun, fejn il-ħruġ gross u l-ammonti pendenti huma rreġistrati bil-valur nominali, jiġifieri l-prezz skontat fil-ħin meta jsir il-ħruġ flimkien mal-imgħax akkumulat, u l-fidi mal-maturità bil-valur hekk kif jidher. Il-valur nominali tal-ammonti pendenti tal-bonds mingħajr kupun jistgħu jiġu kkalkolati kif indikat hawn taħt.

$$A = E \times \left( \frac{100}{(E/P)x100} \right)^{\left(\frac{t}{T}\right)}$$

fejn

A = valur nominali = ammont effettiv imħallas u imgħax akkumulat

E = prezz skontat fil-ħin tal-ħruġ (ammont imħallas fil-ħin tal-ħruġ)

P = valur hekk kif jidher (imħallas sal-aħħar tal-maturità)

T = iż-żmien għall-maturità mid-data tal-ħruġ (f'jiem)

t = żmien mid-data tal-ħruġ (f'jiem)

Jista' jkun hemm ċerti differenzi fil-proċedura ta' valutazzjoni tal-prezz bejn pajjiż u ieħor.

L-approċċ ta' valutazzjoni tal-prezz tal-ESA 2010, li jeħtieġ li l-flussi tat-titoli ta' dejn u l-ishma għandhom jiġu rreġistrati bil-valur tat-tranżazzjoni u l-istokks bil-valur tas-suq, mhuwiex applikat f'dan il-kuntest.

Għal bonds bi skont qawwi u bonds mingħajr kupun, il-BĊN li jirrapporta għandu jikkalkula l-imgħax akkumulat fejn fattibbli.

(b) Il-munita tar-rapportar u l-valutazzjoni tar-rata tal-kambju

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw id-*data* kollha lill-BĊE espressi f'euro, inkluż is-serje storika. Għall-konverżjoni f'euro ta' titoli maħruġin minn residenti domestiċi f'muniti oħrajn (Blokk Ċ) ([19]), il-BĊNi għandhom isegwu mill-qrib kemm jista' jkun il-prinċipji ta' valutazzjoni tar-rata tal-kambju bbażati fuq l-ESA 2010 ([20]), kif indikati hawn taħt.

([18]) Għal iktar dettall dwar id-definizzjoni ta' "valur hekk kif jidher", "valur tas-suq" u "valur nominali" ara l-paragrafi 5.90, 7.38 u 7.39 tal-ESA 2010.

([19]) Mill-1 ta' Jannar 1999, għat-titoli maħruġa minn residenti domestiċi f'euro (parti mill-Blokk A), ma hija meħtieġa ebda valtazzjoni tar-rata tal-kambju, u t-titoli maħruġa minn residenti domestiċi f'euro/denominazzjonijiet nazzjonali (parti li tifdal tal-Blokk A) huma kkonvertiti f'euro billi jiġu applikati r-rati ta' konverżjoni irrevokabbli tal-31 ta' Diċembru 1998.

([20]) Ara l-paragrafu 6.64 tal-ESA 2010.

(i) Ħruġ pendenti għandu jiġi kkonvertit f'euro/denominazzjonijiet nazzjonali bir-rata tal-kambju medjana fis-suq rilevanti li jkun hemm prevalenti fl-aħħar tal-perjodu tar-rapportar, jiġifieri fl-għeluq tan-negozju fl-aħħar jum tax-xogħol tal-perjodu tar-rapportar.

(ii) Ħruġ gross u fidi għandhom jiġu maqlubin f'euro/denominazzjonijiet nazzjonali li jużaw ir-rata tal-kambju medjana tas-suq li tkun predominanti fil-ħin tal-pagament. Jekk ma jkunx possibbli li tiġi identifikata r-rata tal-kambju eżatta applikabbli għall-konverżjoni, tista' tintuża rata ta' kambju li tkun kemm jista' jkun qrib ir-rata medjana tas-suq meta jsir il-pagament.

10. **Konsistenza kunċettwali**

L-istatistika dwar il-ħruġ tat-titoli u l-istatistika tal-karta tal-bilanċ tal-MFI huma marbutin għall-finijiet tal-ħruġ ta' strumenti negozjabbli mill-MFIs. Il-kopertura tal-istrumenti u tal-MFIs li joħorġuhom huma konċettwalment konsistenti, kif ukoll l-allokazzjoni tal-istrumenti għal faxex ta' maturità u t-taqsim tal-munita. Jeżistu differenzi bejn l-istatistika dwar il-ħruġ ta' titoli u l-istatistika tal-karta tal-bilanċ tal-MFI fir-rigward tal-prinċipji ta' valutazzjoni (jiġifieri fir-rigward ta' titolu ta' dejn, il-valur hekk kif jidher fir-rigward tal-ewwel u l-valur tas-suq għal din tal-aħħar). Ħlief għad-differenzi fil-valutazzjoni u l-innettjar ta' investimenti tagħhom f'titoli fuq il-karta tal-bilanċ tal-MFIs għal kull pajjiż, l-ammont li jifdal ta' titoli maħruġa mill-MFIs irrapportati għall-istatistika dwar il-ħruġ ta' titoli tikkorrispondi għall-partiti 11 ("titoli ta' dejn maħruġa") fuq in-naħa tal-obbligazzjonijiet tal-karta tal-bilanċ tal-MFI. Titoli ta' dejn b'terminu qasir kif definiti għall-istatistika ta' ħruġ ta' titoli jikkorrispondu mat-titoli ta' dejn maħruġa sa sena. Titoli ta' dejn b'terminu twil kif definiti għall-istatistika ta' ħruġ ta' titoli huma ugwali għas-somma tat-titoli ta' dejn maħruġa wara sena u sa sentejn u t-titoli ta' dejn maħruġa fuq firxa ta' sentejn.

Il-BĊNi għandhom jirrevedu l-kopertura tal-istatistika tal-ħruġ tat-titoli u l-istatistika tal-karta tal-bilanċ tal-MFI u jindikaw lill-BĊE kull differenza kunċettwali. Isiru tliet tipi ta' verifiki għall-konsistenza fir-rigward ta' ħruġ minn: (a) BĊNi f'euro/denominazzjonijiet nazzjonali; (b) MFIs minbarra banek ċentrali f'euro/denominazzjonijiet nazzjonali; u (c) MFIs minbarra banek ċentrali f'muniti oħra. Jistgħu jirriżultaw differenzi kunċettwali bejn l-istatistika tal-ħruġ ta' titoli u l-istatistika tal-karta tal-bilanċ MFI, billi l-istatistika tal-ħruġ ta' titoli u l-istatistika tal-karta tal-bilanċ MFI huma derivati minn sistemi ta' rapportar nazzjonali b'finijiet differenti.

11. **Ħtiġijiet ta' *data***

Il-prospetti statistiċi huma mistennija minn kull pajjiż għal kull serje ta' żmien applikabbli. Il-BĊNi għandhom jinnotifikaw lill-BĊE malajr bil-miktub bi spjegazzjonijiet jekk partita partikolari ma tapplikax fil-pajjiż partikolari. Il-BĊNi jistgħu ma jirrapportawx is-serje ta' żmien b'mod temporanju jekk il-fenomenu sottostanti ma jeżistix. Il-BĊNi għandhom jinnotifikaw ukoll din l-okkorrenza jew kull bidla oħra fl-iskema tar-rapportar deskritta f'dan l-Anness. Barra minn dan, għandhom jinformaw lill-BĊE meta r-reviżjonijiet jintbagħtu flimkien bi spjegazzjonijiet fuq in-natura ta' dawn ir-reviżjonijiet.

**Taqsima 3: Noti spjegattivi nazzjonali**

Kull BĊN għandu jibgħat rapport li jiddeskrivi d-*data* pprovduta fil-kuntest ta' dan l-eżerċizzju. Ir-rapport għandu jkopri s-suġġetti speċifikati hawn taħt u jsegwi l-format propost kemm jista' jkun mill-qrib. Il-BĊNi għandhom jipprovdu informazzjoni addizzjonali f'każijiet meta d-*data* rrapportata ma tikkonformax ma' din il-Linja Gwida, jew meta ma jkunux ipprovdew id-*data*, u r-raġunijiet għal dan. Ir-rapport m'għandux jiġi sottomess aktar tard mid-*data*.

1. **Sorsi tad-*data*/sistema tal-ġbir tad-*data*:** dettalji dwar is-sorsi tad-*data* użati għall-kumpilazzjoni tal-istatistika tal-ħruġ tat-titoli għandhom jingħataw: sorsi amministrattivi għall-ħruġ mill-gvern, rapportar dirett minn MFIs u istituzzjonijiet oħrajn, gazzetti, u fornituri tad-*data* bħall-International Financial Review eċċ. Il-BĊNi għandhom jindikaw jekk id-*data* nġabritx u nħażnitx fuq il-bażi ta' ħarġa b'ħarġa, u l-kriterji tagħhom. Alternattivament, il-BĊNi għandhom jindikaw jekk id-*data* nġabritx u nħażnitx b'mod mhux distingwibbli bħala ammonti maħruġin minn emittenti individwali matul perjodu ta' rapportar, eż. għal sistemi diretti ta' ġbir tad-*data*. Il-BĊNi għandhom jipprovdu informazzjoni fuq il-kriterji użati fir-rapportar dirett għall-identifikazzjoni tal-aġenti li jirrapportaw u l-informazzjoni li għandha tintbagħat.

2. **Proċeduri ta' kumpilazzjoni:** il-metodu użat għall-kumpilazzjoni ta' *data* f'dan l-eżerċizzju għandu jiġi deskritt fil-qosor, eż. l-aggregazzjoni ta' informazzjoni fuq ħruġ ta' titoli individwali, arranġamenti għas-serje ta' żmien eżistenti u jekk humiex ippubblikati jew le.

3. **Residenza tal-emittent:** Il-BĊNi għandhom jispeċifikaw jekk huwiex possibbli li japplikaw b'mod sħiħ id-definizzjoni ta' residenza tal-ESA 2010 (u l-FMI) fil-klassifikazzjoni tal-ħruġ. Jekk dan ma jkunx possibbli, jew ikun possibbli parzjalment biss, il-BĊNi għandhom jipprovdu spjegazzjoni sħiħa tal-kriterji użati attwalment.

4. **Taqsim settorjali tal-emittenti**: Il-BĊNi għandhom jindikaw id-devjazzjonijiet mill-klassifikazzjoni tal-emittenti skont it-taqsim settorjali ddefinit fit-Taqsima 2 punt 2. In-noti għandhom jispjegaw id-devjazzjonijiet identifikati u xi kwistjonijiet dubbjużi.

5. **Munita tal-ħruġ**: jekk ma jkunx possibbli li tidentifika b'mod separat il-komponenti tal-munita ta' ħruġ, il-BĊNi għandhom jispjegaw id-devjazzjonijiet mir-regoli. Barra minn hekk, il-BĊNi li ma jistgħux jagħmlu distinzjoni għat-titoli kollha bejn il-ħruġ f'denominazzjonijiet lokali, f'euro/denominazzjonijiet nazzjonali oħra u f'munita oħra, għandhom jiddeskrivu fejn dan il-ħruġ ġie kklassifikat u jindikaw l-ammont totali ta' ħruġ li ma ġiex allokat b'mod xieraq biex jindikaw id-daqs tad-distorsjoni.

6. **Klassifikazzjoni tal-ħruġ:** Il-BĊNi għandhom jipprovdu informazzjoni komprensiva dwar it-tip ta' titoli koperti mid-*data* nazzjonali, inkluż il-kundizzjonijiet nazzjonali tagħhom. Jekk il-kopertura hija magħrufa li hija parzjali, il-BĊNi għandhom jispjegaw il-lakuni eżistenti. B'mod partikolari, il-BĊNi għandhom jipprovdu l-informazzjoni li tidher hawn taħt.

— Pjazzamenti privati: Il-BĊNi għandhom jindikaw jekk humiex koperti jew le fid-*data* rrapportata.

— Aċċettazzjonijiet tal-bankiera: jekk negozjabbli u inklużi fid-*data* rrapportata għal titoli ta' dejn b'terminu qasir, il-BĊN li jirrapporta għandu jispjega fin-noti spjegattivi nazzjonali l-proċeduri nazzjonali għar-reġistrazzjoni ta' dawn l-istrumenti u n-natura tagħhom.

— Ishma kkwotati: Il-BĊNi għandhom jindikaw jekk l-ishma mhux ikkwotati jew ekwità oħra humiex koperti fid-*data* rapportata bi stima tal-ammont ta' ishma mhux ikkwotati u/jew ekwità oħra biex jintwera d-daqs tad-distorsjoni. Il-BĊNi għandhom jindikaw fin-noti spjegattivi nazzjonali kull lakuna magħrufa fil-kopertura tal-ishma kkwotati.

7. **Analiżi tal-istrument tat-titoli ta' dejnb'terminu twil**: jekk is-somma tal-bonds b'rata fissa, rata varjabbli u bla kupun ma twassalx għat-total tat-titoli ta' dejn b'terminu twil, il-BĊNi għandhom jagħtu t-tip u l-ammont ta' titoli b'terminu twil li għalihom mhuwa disponibbli ebda tqassim.

8. **Maturità tal-ħruġ**: jekk l-applikazzjoni stretta tad-definizzjonijiet tat-titoli ta' dejn b'terminu twil u qasir ma tistax tiġi segwita, il-BĊNi għandhom jindikaw fin-noti spjegattivi tagħhom fejn id-*data* rrapportata tiddevja.

9. **Fidi:** Il-BĊNi għandhom jispeċifikaw kif jidderivaw l-informazzjoni dwar il-fidi u jekk l-informazzjoni tinġabarx b'rapportar dirett jew tiġix ikkalkolata skont ir-residwu.

10. **Valutazzjoni tal-prezz**: Il-BĊNi għandhom jispeċifikaw fid-dettall fin-noti spjegattivi nazzjonali, il-proċedura ta' valutazzjoni użata għal (a) titoli ta' dejn b'terminu qasir; (b) titoli ta' dejn b'terminu twil; (c) bonds bi skont; u (d) ishma kkwotati. Kull differenza fil-valutazzjoni għall-istokks u l-flussi għandha tiġi spjegata.

11. **Frekwenza tar-rapportar, tempestività u firxa ta' żmien:** Il-BĊNi għandhom jispeċifikaw il-punt safejn id-*data* kkumpilata għal dan l-eżerċizzju tkun ingħatat f'konformità mal-ħtiġijiet tal-utent, jiġifieri b'tempestività ta' ħames ġimgħat għad-*data* ta' kull xahar. It-tul tas-serje taż-żmien pprovdut għandu jingħata wkoll. Kwalunkwe waqfien fis-serje għandu jiġi rrapportat, pereżempju d-differenzi fil-kopertura tat-titoli matul iż-żmien.

12. **Reviżjonijiet:** Il-BĊNi għandhom jipprovdu noti qosra ta' spjegazzjoni għal kull reviżjoni u jikkjarifikaw ir-raġuni għalihom u l-firxa taghhom.

13. **Kopertura stmata għal kull strument maħruġ minn residenti domestiċi:** Il-BĊNi jagħtu stimi nazzjonali tal-kopertura tat-titoli għal kull kategorija tal-ħrug mir-residenti domestiċi, jiġifieri ħruġ ta' titoli b'terminu qasir, titoli b'terminu twil, u ishma kkwotati, f'munita lokali, denominazzjonijiet oħra nazzjonali/tal-euro inklużi l-ECU, u muniti oħrajn skont it-tabella t'hawn taħt. L-istimi għal "kopertura f'%" għandhom jindikaw is-sehem ta' titoli koperti f'kull kategorija ta' strumenti bħala perċentwali mill-ħruġ totali, li għandhom jiġu rrapportati taħt l-intestatura rilevanti skont ir-regoli ta' rapportar. Deskrizzjonijiet qosra jistgħu jkunu pprovduti f'"kummenti". Il-BĊNi għandhom jindikaw ukoll kwalunkwe tibdil fil-kopertura bħala riżultat tal-adeżjoni mal-unjoni monetarja.

| | | | **Kopertura f'%:** | **Kummenti:** |
|---|---|---|---|---|
| **Ħruġ f'euro/ denominazzjonijiet nazzjonali** | Lokali denominazzjoni | STS | | |
| | | LTS | | |
| | | QUS | | |
| | Euro/ denominazzjonijiet nazzjonali barra mill-munita lokali, inkluż l-ECU | STS | | |
| | | LTS | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **F'muniti oħra** | | STS | | |
| | | LTS | | |

STS = Titoli ta' dejn b'terminu qasir

LTS = Titoli ta' dejn b'terminu twil

QUS = ishma kkwotati.

**Taqsima 4: Ħtiġijiet għall-Bank għas-Saldu Internazzjonali**

Il-ħtiġijiet ta' rapportar tal-BIS isegwu l-istess prinċipji bħal dawk għall-BĊNi kif imsemmija fit-taqsimiet 1-3, ħlief għal dawn li ġejjin:

***Tabella 4. Formola ta' rapportar Blokk B għall-BIS***

| | **EMITTENTI RESIDENTI ROW//EURO/DENOMINAZZJONIJIET NAZZJONALI** | | |
|---|---|---|---|
| | **Ammonti pendenti** | **Ħruġ gross** | **Fidi** |
| | **B1** | **B2** | **B3** |
| 9. **TITOLI TA' DEJN GĦAL PERJODU QASIR** | | | |
| Total | S577 | S642 | S707 |
| Bank ċentrali | S578 | S643 | S708 |
| MFIs li mhumiex banek ċentrali | S579 | S644 | S709 |
| OFIs | S580 | S645 | S710 |
| Li minnhom FVC | S581 | S646 | S711 |
| Awżiljari finanzjarji | S582 | S647 | S712 |
| Istituzzjonijet finanzjarji kaptivi u li jisilfu l-flus | S583 | S648 | S713 |
| Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S584 | S649 | S714 |
| Korporazzjonijet mhux finanzjarji | S585 | S650 | S715 |
| Gvern ċentrali | S586 | S651 | S716 |
| Stat u gvern lokali | S587 | S652 | S717 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S588 | S653 | S718 |
| Organizzazzjonijiet internazzjonali | S589 | S654 | S719 |
| | | | |
| 10. **TITOLI TA' DEJN GĦAL PERJODU TWIL** | | | |
| Total | S590 | S655 | S720 |
| Bank ċentrali | S591 | S656 | S721 |
| MFIs li mhumiex banek ċentrali | S592 | S657 | S722 |
| OFIs | S593 | S658 | S723 |
| Li minnhom FVC | S594 | S659 | S724 |
| Awżiljari finanzjarji | S595 | S660 | S725 |
| Istituzzjonijet finanzjarji kaptivi u li jisilfu l-flus | S596 | S661 | S726 |
| Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S597 | S662 | S727 |
| Korporazzjonijet mhux finanzjarji | S598 | S663 | S728 |
| Gvern ċentrali | S599 | S664 | S729 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Stat u gvern lokali | S600 | S665 | S730 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S601 | S666 | S731 |
| Organizzazzjonijiet internazzjonali | S602 | S667 | S732 |
| | | | |
| 10.1 **li minnhom ħruġ b'rata fissa:** | | | |
| Total | S603 | S668 | S733 |
| Bank ċentrali | S604 | S669 | S734 |
| MFIs li mhumiex banek ċentrali | S605 | S670 | S735 |
| OFIs | S606 | S671 | S736 |
| Li minnhom FVC | S607 | S672 | S737 |
| Awżiljari finanzjarji | S608 | S673 | S738 |
| Istituzzjonijet finanzjarji kaptivi u li jisilfu l-flus | S609 | S674 | S739 |
| Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S610 | S675 | S740 |
| Korporazzjonijet mhux finanzjarji | S611 | S676 | S741 |
| Gvern ċentrali | S612 | S677 | S742 |
| Stat u gvern lokali | S613 | S678 | S743 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S614 | S679 | S744 |
| Organizzazzjonijiet internazzjonali | S615 | S680 | S745 |
| | | | |
| 10.2 **li minnhom ħruġ b'rata varjabbli:** | | | |
| Total | S616 | S681 | S746 |
| Bank ċentrali | S617 | S682 | S747 |
| MFIs li mhumiex banek ċentrali | S618 | S683 | S748 |
| OFIs | S619 | S684 | S749 |
| Li minnhom FVC | S620 | S685 | S750 |
| Awżiljari finanzjarji | S621 | S686 | S751 |
| Istituzzjonijet finanzjarji kaptivi u li jisilfu l-flus | S622 | S687 | S752 |
| Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S623 | S688 | S753 |
| Korporazzjonijet mhux finanzjarji | S624 | S689 | S754 |
| Gvern ċentrali | S625 | S690 | S755 |
| Stat u gvern lokali | S626 | S691 | S756 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S627 | S692 | S757 |
| Organizzazzjonijiet internazzjonali | S628 | S693 | S758 |
| | | | |
| 10.3 **li minnhom bonds mingħajr kupun:** | | | |
| Total | S629 | S694 | S759 |
| Bank ċentrali | S630 | S695 | S760 |
| MFIs li mhumiex banek ċentrali | S631 | S696 | S761 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| OFIs | S632 | S697 | S762 |
| Li minnhom FVC | S633 | S698 | S763 |
| Awżiljari finanzjarji | S634 | S699 | S764 |
| Istituzzjonijet finanzjarji kaptivi u li jisilfu l-flus | S635 | S700 | S765 |
| Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S636 | S701 | S766 |
| Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | S637 | S702 | S767 |
| Gvern ċentrali | S638 | S703 | S768 |
| Stat u gvern lokali | S639 | S704 | S769 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S640 | S705 | S770 |
| Organizzazzjonijiet internazzjonali | S641 | S706 | S771 |
| | | | |

**Maturità tal-ħruġ**

Fir-rigward tal-maturità, il-BIS jikkunsidra l-ECP tad-dokumenti kummerċjali tal-euro kollha u l-karti tal-flus tal-euro miġbuda taħt programm għal terminu qasir bħala strumenti b'terminu qasir, u l-istrumenti kollha maħruġa skont dokumentazzjoni għal żmien twil bħala strumenti b'terminu twil tkun xi tkun il-maturità oriġinali tagħhom.

**Taqsim settorjali ta' emittenti**

Il-BIS isegwi l-immappjar bejn it-taqsim settorjali ta' emittenti disponibbli fil-bażi ta' *data* tal-BIS u dawk mitluba fil-formoli tar-rapport, kif muri fiċ-ċart aktar 'l isfel.

| *Taqsim settorjali fil-bażi ta' data tal-BIS* | | **Klassifikazzjoni fil-formoli tar-rapport** |
|---|---|---|
| Bank ċentrali | → | Bank ċentrali |
| Banek kummerċjali | → | MFIs |
| OFI | → | OFIs |
| Gvern ċentrali | → | Gvern ċentrali |
| Gvern ieħor<br>Aġenziji tal-Istat | → | Stat u gvern lokali |
| Korporazzjonijiet | → | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji |
| Istituzzjonijiet internazzjonali. | → | Istituzzjonijiet internazzjonali (RoW) |

**Klassifikazzjoni tal-ħruġ**

L-istrumenti li ġejjin inklużi fil-bażi ta' *data* tal-BIS huma kklassifikati bħala titoli ta' dejn fl-istatistika tal-ħruġ ta' titoli:

— ċertifikati ta' depożitu,

— karta kummerċjali,

— kambjali tat-Teżor,

— bonds,

— karta kummerċjali ddenominata f'euro,

— noti ta' terminu medju,

— karti oħra ta' terminu qasir.

**Valutazzjoni**

Ir-regoli ta' valutazzjoni attwali tal-BIS huma l-valur hekk kif jidher għat-titoli ta' dejn u l-prezz tal-ħruġ għall-ishma kkwotati.

Il-BIS jirrapporta lill-BĊE l-ħruġ kollu mir-residenti RoW f'euro/denominazzjonijiet nazzjonali (Blokk B) f'dollari Amerikani permezz tar-rata tal-kambju fi tmiem il-perjodu għall-ammonti li jifdal u r-rata tal-kambju medja tal-perjodu għall-ħruġ u l-fidi. Il-BĊE jikkonverti d-*data* kollha f'euro permezz tal-istess prinċipju li kien applikat inizjalment mill-BIS. Għall-perjodi qabel l-1 ta' Jannar 1999 ir-rata tal-kambju bejn l-ECU u d-dollaru US trid tintuża bħala sostitut.

## GLOSSARJU

**Awżiljari finanzjarji** jikkonsistu fil-korporazzjonijiet finanzjarji u l-kważi-korporazzjonijiet li jkunu involuti prinċipalment f'attivitajiet marbuta mill-qrib ma' intermedjazzjoni finanzjarja iżda li huma nfushom mhumiex intermedjarji finanzjarji. L-uffiċċji prinċipali li s-sussidjarji tagħhom huma kollha jew fil-parti l-kbira tagħhom korporazzjonijiet finanzjarji huma wkoll awżiljari finanzjarji (ESA 2010, paragrafi 2.95-2.97).

**Bank ċentrali** huwa korporazzjoni finanzjarja u kważi-korporazzjoni li l-funzjoni prinċipali tagħha hija l-ħruġ tal-munita, iż-żamma tal-valur intern u estern tal-munita u l-kontroll tar-riżervi internazzjonali kollha tal-pajjiż jew ta' parti minnhom.

**Bonds bla kupun** jinkludu kull ħruġ mingħajr pagament b'kupun. Normalment kupuni bħal dawn jinħarġu bi skont u jinfdew bil-valur nominali. Dawn jinkludu wkoll bonds maħruġa bil-valur nominali u mifdija bi primjum, eż. bonds li l-valur ta' fidi tagħhom ikun marbut ma' rata ta' kambju jew indiċi. Il-biċċa l-kbira tal-iskont jew primjum jirrappreżentaw l-ekwivalenti tal-imgħax akkumulat matul ħajjet il-bond.

**Bonds globali** huma bonds li jinħarġu simultanjament fis-suq domestiku u dak euro.

**Bonds maħruġin privatament** huma bonds ristretti bi ftehim bilaterali għal ċerti investituri, jekk il-bonds ikunu ta' mill-inqas potenzjalment trasferibbli.

**Bonds subordinati, spiss imsejħa dejn subordinat,** jipprovdu pretensjoni sussidjarja fuq l-istituzzjoni tal-ħruġ li tista' tiġi eżerċitata biss wara li l-pretensjonijiet kollha bi status ogħla (eż. depożiti/self jew titoli ta' dejn ta' livell ogħla) ikunu ġew sodisfatti, li f'ċerti ċirkostanzi jista' jagħtihom xi wħud mill-karatteristiċi ta' "ishma u ekwità oħra".

**Ekwità oħra** tinkludi t-tranżazzjonijiet kollha f'ekwità oħra li m'humiex koperti minn ishma kkwotati u mhux ikkwotati.

**Emittenti mhux residenti** jikkonsistu f'unitajiet li huma: (a) jinsabu fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż li jirrapporta, iżda li ma jkunux u ma jkollhomx il-ħsieb li jwettqu attivitajiet jew transazzjonijiet ekonomiċi għal perjodu ta' sena jew aktar fit-territorju tal-pajjiż li jirrapporta; jew (b) jinsabu barra t-territorju ekonomiku tal-pajjiż li jirrapporta.

**Emittenti ta' titoli** huma dawk il-korporazzjonijiet u kważi-korporazzjonijiet involuti fil-ħruġ ta' titoli u li jassumu obbligu legali lejn id-detenturi ta' dawn l-istrumenti skont it-termini tal-ħruġ.

**Eurobonds** huma bonds, li jitpoġġew simultanjament fis-suq ta' mill-inqas żewġ pajjiżi u li jkunu ddenominati f'munita li mhux bilfors tkun dik ta' xi wieħed minnhom, normalment permezz ta' sindikat internazzjonali ta' korporazzjonijiet finanzjarji minn bosta pajjiżi.

**Fondi tal-pensjoni** huma korporazzjonijiet u kważi-korporazzjonijiet finanzjarji li huma involuti prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja bħala konsegwenza tal-ġbir komuni tar-riskji soċjali u l-ħtiġijiet tal-persuni assigurati (assigurazzjoni soċjali). Fondi tal-pensjoni bħal skemi tal-assigurazzjoni soċjali jipprovdu introjtu waqt l-irtirar, u ħafna drabi benefiċċji għal mewt u diżabbiltà (ESA 2010, paragraphs 2.105 to 2.110).

**Fondi tas-sigurtà soċjali** huma unitajiet istituzzjonali ċentrali, tal-istat, u lokali li l-attività prinċipali tagħhom hija li jipprovdu benefiċċji soċjali u li jissodisfaw iż-żewġ kriterji li ġejjin: (a) bil-liġi jew b'regolamentazzjoni, ċerti gruppi tal-popolazzjoni huma obbligati li jipparteċipaw fl-iskema jew li jħallsu kontribuzzjonijiet; u (b) il-gvern ġenerali huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-istituzzjoni fejn għandhom x'jaqsmu s-saldu jew l-approvazzjoni tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji, indipendentement mir-rwol tiegħu bħala korp sorveljanti u bħala entità li tipprovdi l-impjieg (ESA 2010, paragrafu 2.117)

**Gvern ċentrali** jikkonsisti minn dipartimenti amministrattivi tal-istat u aġenziji ċentrali oħrajn li l-kompetenza tagħhom testendi għat-territorju ekonomiku kollu, ħlief għall-aministrazzjoni ta' fondi ta' sigurtà soċjali (ESA 2010, paragrafu 2.114).

**Gvern ġenerali** jikkonsisti fl-unitajiet istituzzjonali kollha li huma produtturi mhux għas-suq li l-output tagħhom huwa maħsub għall-konsum individwali jew kollettiv, u li huma ffinanzjati minn pagamenti obbligatorji magħmula minn unitajiet li jappartjenu lil setturi oħra, u l-unitajiet istituzzjonali li huma prinċipalment involuti fir-ridistribuzzjoni tal-introjtu u l-ġid nazzjonali (ESA 2010, paragrafi 2.111 sa 2.113). Il-gvern generali jinkludi l-gvern ċentrali, il-gvern tal-istat, il-gvern lokali u l-fondi tas-sigurtà soċjali (ESA 2010, paragrafi 2.114 sa 2.117).

**Gvern statali u lokali:** gvern statali tfisser dawk it-tipi ta' amministrazzjoni pubblika li huma unitajiet istituzzjonali separati li jwettqu wħud mill-funzjonijiet tal-gvern, għajr għall-amministrazzjoni tal-fondi tas-sigurtà soċjali, f'livell taħt dak ta' gvern ċentrali u ogħla minn ta' unitajiet istituzzjonali governattivi li jeżistu fil-livell lokali. Gvern lokali tfisser dawk it-tipi ta' amministrazzjoni pubblika li l-kompetenza tagħha testendi biss sa parti lokali mit-territorju ekonomiku, minbarra aġenziji lokali ta' fondi tas-sigurtà soċjali (ESA 2010, paragrafi 2.115 sa 2.116).

**Ħruġ b'rata fissa** tinkludi kull ħruġ fejn il-ħlas tal-kupun, ibbażat fuq ir-rata tal-kupun tal-garanzija prinċipali, ma jinbidilx matul il-ħajja tal-ħruġ.

**Ħruġ b'rata varjabbli** jinkludu l-ħruġ kollu bi ħlas ta' kupun fejn il-kupun jew il-kapital jiġi aġġustat mill-ġdid perjodikament b'referenza għal rata ta' imgħax indipendenti jew indiċi.

**Ħruġ ta' ishma bonus** huwa l-għoti ta' ishma ġodda lill-azzjonisti bi proporzjon mal-ishma eżistenti tagħhom.

**Ħruġ ta' ishma maqsuma** huma ħruġ ta' ishma fejn il-korporazzjoni jew kważi-korporazzjoni żżid in-numru ta' ishma bi proporzjon jew multiplu.

**Impostamenti privati** jirreferu għall-bejgħ ta' ħruġ ta' titoli ta' ekwità lil bejjiegħ wieħed jew lil numru limitat ta' bejjiegħa mingħajr offerta pubblika.

**Intermedjarji finanzjarji oħrajn, għajr il-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u l-fondi ta' pensjoni** (OFIs) huma l-korporazzjonijiet u l-kważikorporazzjonijiet finanzjarji li huma prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja billi jidħlu għal obbligazzjonijiet f'forom li ma jinkludux il-munita, id-depożiti (jew sostituti mill-qrib għal depożiti), unitajiet/ishma ta' fondi ta' investiment, jew b'rabta ma' assigurazzjoni, pensjoni u skemi ta' garanzija standardizzati minn unitajiet istituzzjonali (ESA 2010, paragrafi 2.86 sa 2.94).

**Ishma elenkati, imsejħa wkoll ishma kkwotati, esklużi ishma/unitajiet f'fondi ta' investiment** huma titoli tal-ekwità kkwotati fuq borża. Din il-borża tista' tkun borża rikonoxxuta jew kwalunkwe forma oħra ta' suq sekondarju. L-ishma kkwotati huma wkoll imsejħin ishma kkwotati fil-borża. L-eżistenza ta' prezzijiet kwotati ta' ishma kkwotati f'borża tfisser li l-prezzijiet attwali tas-suq normalment ikunu faċilment disponibbli.

**Ishma kapitali maħruġa minn kumpaniji b'responsabbiltà limitata** huma titoli li jagħtu lid-detenturi tagħhom l-istatus ta' proprjetarji konġunti u jintitolawhom għal sehem mill-profitti totali ddistribwiti u mill-assi netti f'każ ta' likwidazzjoni.

**Ishma mifdija f'kumpaniji b'responsabbiltà limitata** huma ishma li l-kapital tagħhom ikun tħallas lura iżda li jinżammu mid-detenturi li jkomplu jkunu sidien konġunti u li jibqgħu intitolati għal sehem fil-profitti li jibqa' wara li jkunu tħallsu d-dividendi fuq il-kapital irreġistrat li jibqa', kif ukoll għal sehem minn kwalunkwe eċċessi li jibqa' wara likwidazzjoni.

**Ishma mhux ikkwotati, esklużi ishma f'fond ta' investment,** huma titoli ta' ekwità mhux ikkwotati f'borża.

**Ishma ta' dividendi maħruġin minn kumpaniji b'responsabbiltà limitata** huma titoli, li skont il-pajjiż u ċ-ċirkustanzi li fihom jinħolqu, ikollhom varjetà ta' ismijiet bħal ishma tal-fundaturi, ishma ta' profitti, ishma ta' dividendi, eċċ. Dawn it-titoli: (a) ma jiffurmawx parti mill-kapital irreġistrat; (b) ma jagħtux lid-detenturi l-istatus ta' proprjetarji konġunti stricto sensu; u (c) ma jintitolawx lid-detenturi għal proporzjon ta' kwalunkwe profitti li jibqa' wara li d-dividendi jkunu tħallsu fuq il-kapital irreġistrat u għal frazzjon ta' kwalunkwe eċċess li jibqa' f'każ ta' likwidazzjoni.

**Istituzzjonijiet finanzjarji kaptiviu li jisilfu l-flus** huma korporazzjonijiet finanzjarji u kważi-korporazzjonijiet li la huma involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u lanqas ma jipprovdu servizzi awżiljarji finanzjarji, u fejn il-parti l-kbira jew tal-assi tagħhom jew tal-obbligazzjonijiet tagħhom mhumiex innegozjati fis-swieq miftuħa. Dan is-sottosettur jinkludi kumpaniji holding li għandhom fil-pussess tagħhom livelli ta' kontroll tal-ekwità ta' grupp ta' korporazzjonijiet sussidjarji u li l-attività prinċipali tagħhom hija s-sjieda tal-grupp mingħajr ma jipprovdu ebda servizz ieħor lin-negozji li fihom tkun qed tinżamm din l-ekwità; jiġifieri, ma jkunux jamministraw jew jiġġestixxu unitajiet oħra (ESA 2010, paragrafi 2.98 sa 2.99)

**Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFIs) minbarra banek ċentrali** huma ddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33).

**Istituzzjonijiet internazzjonali** jinkludu organizzazzjonijiet supranazzjonali u internazzjonali, bħal ma huma l-Bank Ewropew tal-Investiment, l-FMI u l-Bank Dinji.

**Istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu lill-unitajiet dometiċi (Non-profit institutions serving households - NPISHs)** jikkonsistu f'istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li huma entitajiet legali separati, li jservu lill-unitajiet domestiċi, u huma produtturi privati mhux għas-suq. Ir-riżorsi prinċipali tagħhom huma l-kontribuzzjonijiet volontarji fi flus kontanti jew ħlas b'oġġetti minn unitajiet domestiċi fil-kapaċità tagħhom ta' konsumaturi, minn pagamenti magħmula minn gvern ġenerali u minn introjtu minn proprjetà (ESA 2010, paragrafi 2.129 sa 2.130)..

**Korporazzjonijiet li huma veikoli finanzjarji involuti fi transazzjonijiet ta' titolizzazzjoni (FVCs)** huma ddefiniti fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 1075/2013 (BĊE/2013/40).

**Korporazzjonijiet mhux finanzjarji** huma unitajiet istituzzjonali li huma entitajiet legali indipendenti u li huma produtturi tas-suq u li l-attività prinċipali tagħhom hija l-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji. Dan is-settur jinkludi wkoll kważi-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (ESA 2010, paragrafi 2.45 sa 2.54).

**Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni** huma korporazzjonijiet u kważi-korporazzjonijiet finanzjarji li huma involuti prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja bħala konsegwenza tal-ġbir komuni tar-riskji prinċipalment fil-forma ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni diretta (ESA 2010, paragrai 2.100 sa 2.104)

**Residenza tal-emittent:** l-unità emittenti hija ddefinita bħala resident tal-pajjiż li jirrapporta meta jkollu ċentru ta' interess ekonomiku fit-territorju ekonomiku ta' dak il-pajjiż li jirrapporta; jiġifieri, meta tinvolvi ruħha għal perijodu estiż (sena jew aktar) f'attivitajiet ekonomiċi f'dan it-territorju.

**Sussidjarji** huma entitajiet separati inkorporati fejn entità oħra jkollha maġġoranza jew parteċipazzjoni sħiħa.

**Titoli ta' dejn** huma strumenti finanzjarji negozjabbli li jservu bħala evidenza ta' dejn li normalment jiġu nnegozjati fis-swieq sekondarji, jew jistgħu jiġu paċuti fis-suq u li ma jagħtu ebda tip ta' dritt ta' proprjetà fuq l-istituzzjoni tal-ħruġ lid-detentur.

**Titoli ta' dejn fuq perijodu ta' żmien qasir** jikkonsistu fil-ħruġ kollu ta' titoli ta' dejn b'maturità oriġinali ta' sena jew inqas; titoli b'terminu qasir ġeneralment jinħarġu bi skont. Din is-subpożizzjoni ma tinkludix titoli li l-negozjabbiltà tagħhom, waqt li tkun teoretikament possibbli, tkun ristretta ħafna fil-prattika.

**Titoli ta' dejn b'terminu twil** tinkludi kull ħruġ ta' titoli ta' dejn li għandhom maturità oriġinali b'terminu twil ta' aktar minn sena; titoli b'terminu twil ġeneralment jinħarġu b'kupuni.

**Titolizzazzjoni** hija ddefinita fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1075/2013 (BĊE/2013/40).

**Unitajiet domestiċi** jikkonsistu f'individwi jew gruppi ta' individwi bħala konsumaturi u bħala intraprendituri li jipproduċu oġġetti għas-suq u servizzi finanzjarji u mhux finanzjarji (produtturi għas-suq) sakemm il-produzzjoni ta' prodotti u servizzi ma tkunx minn entitajiet separati ttrattati bħala kważi-korporazzjonijiet. Jinkludu wkoll individwi jew gruppi ta' individwi bħala produtturi ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji għal użu aħħari proprju b'mod esklużiv (ESA 2010, paragrafi 2.118 sa 2.128).

**Unitajiet residenti nozzjonali** huma ddefiniti bħala: (a) dawk il-partijiet ta' unitajiet mhux residenti li jkollhom ċentru ta' interess ekonomiku predominanti (li normalment ifisser li jwettqu transazzjonijiet ekonomiċi għal sena jew aktar) fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż; (b) unitajiet mhux residenti fil-kapaċità tagħhom bħala proprjetarji ta' art jew bini fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż, iżda biss fir-rigward tat-transazzjonijiet li jaffettwaw tali art jew bini.